TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 112/11-F

**Gerald Cardona**

**vs**

**C. Fino & Sons Ltd.**

Illum 27 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-28 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tliet elef, erba' mija u disgħin ewro (€3,490), rappreżentanti kċina li ġiet installata ħażina, b'diversi difetti fuqha.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huma xtraw kċina u appliances mingħand id-ditta intimata u meta ġiet installata kellha diversi difetti u nuqqasijiet, u minkejja li ppruvaw isewwuha, xorta baqgħet bid-difetti.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi l-allegazzjonijiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u li ma kellhomx raġun.

It-Tribunal qabbad espert, lis-Sur Vincent E. Ciliberti, sabiex jirrelata fuq dawn id-difetti u l-espert fir-rapport tiegħu ikkonkluda illi l-ilmenti huma kollha ġustifikati.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tliet elef, erba' mija u disgħin ewro (€3,490), bl-ispejjeż jiġu supportati interament mis-soċjeta' intimata inkluż l-ispejjeż tal-perit tekniku.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888